

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 32/2019**tad-29 ta' Marzu 2019****li temenda l-Anness VI (Sigurtà soċjali) tal-Ftehim ŻEE [2019/1220]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi miżuri ta' kontinġenza fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness VI tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej huwa mdaħħal wara l-punt 1 (ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness VI tal-Ftehim ŻEE:

- "1a. **32019 R 0500:** Ir-Regolament (UE) 2019/500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi miżuri ta' kontinġenza fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 35)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) 2019/500 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Marzu 2019, jew fil-jum ta' wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim taż-ŻEE (*), skont liema minnhom jiġi l-aħħar.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Marzu 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

⁽¹⁾ ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 35.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.